MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tal-21 ta' Mejju, 2008

Citazzjoni Numru. 202/2007

**ID-DIRETTUR TAR-REĠISTRU PUBBLIKU** fil-kwalita' tiegħu ta' Reġistratur taż-Żwiġijiet

**vs**

**X**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fit-23 ta' Frar, 2007, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, r-rikorrent talab li l-Qorti (a) tiddikjara li l-annotazzjoni li saret fuq l-Att tat-twelid tal-intimata bis-saħħa ta' sentenza mogħtija minn din il-Qorti saret biss għal skop tal-protezzjoni tal-privatezza tal-istess intimata u ma tagħti l-ebda dritt lill-intimata li titqies bħala mara għall-finijiet tal-kontrattazzjoni ta' żwieġ; (b) tiddikjara li ż-żwieġ bejn l-intimata u persuna oħra ta' sess maskili m'huwiex permess għall-finijiet tal-Kapitolu 255 tal-Liġijiet ta' Malta u jmur kontra l-ordni pubbliku Malti u għalhekk ukoll ma jistgħux jinħarġu tnidijiet biex isir tali

żwieġ; (ċ) tiddikjara wkoll li l-esponenti, fi kwalunkwe każ, ma jistax ikun obbligat li joħroġ tnidijiet taż-żwieġ jekk, bħal ma ġara fil-każ tal-intimata, huwa ma jkollux id-dettalji taż-żewġ partijiet li jkunu jridu jikkontrattaw iż-żwieġ u kif ukoll l-ismijiet tax-xhieda; u (d) tħassar u tirrevoka *contrario imperio* d-degriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja fit-12 ta' Frar, 2007, li permezz tiegħu laqgħet it-talba tal-intimata biex tordnalu joħroġ it-tnidijiet għaż-żwieġ tagħha "skond il-liġi". Bl-ispejjeż;

Rat id-degriet tagħha tas-27 ta' Frar, 2007, li bih ordnat in-notifika lill-intimata u tat direttivi lir-rikorrent dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tiegħu;

Rat id-degriet tagħha tas-6 ta' Marzu, 2007[1], fuq talba magħmula b'rikors bl-urġenza mressaq mir-rikorrent fit-2 ta' Marzu, 2007, li bih awtorizzatu ma jwettaqx l-ordni mogħtija lilu biex joħroġ it-tnidijiet taż-żwieġ tal-intimata għal żmien erbgħin (40) jum;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa mill-intimata fit-12 ta' Marzu, 2007, li biha laqgħet għat-talbiet tar-rikorrent billi qalet, fl-ewwel lok, li t-talba tar-rikorrent ma saritx kif kellha ssir għaliex ma messhiex saret talba għat-tħassir tad-degriet imma (kif stabilit fil-ġurisprudenza) messha saret talba biex jingħata l-provvediment meħtieġ. Fil-mertu, laqgħet billi qalet li t-talbiet m'għandhomx jintlaqgħu għaliex l-annotazzjoni li saret bis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti għall-finijiet tal-artikolu 257A tal-Kodiċi Ċivili kienet tirrifletti l-istat attwali u irriversibbli tagħha ta' mara u ma saritx biss biex tħares il-privatezza tagħha. Laqgħet ukoll billi qalet li t-talba tagħha biex tiżżewweġ ma tmurx kontra d-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 255 tal-Liġijiet ta' Malta. Dwar it-tielet talba, qalet li lill-Qorti Ċivili ta' Ġurisdizzjoni Volontarja hija tatha l-isem tal-persuna l-oħra li hija kellha l-ħsieb li tiżżewweġ, u l-ismijiet tax-xhud setgħet dejjem tagħtihom lir-rikorrent meta tmur għandu biex joħorġilha t-tnidijiet. Dwar ir-raba' talba laqgħet billi qalet li ma ngħatatx raġuni tajba għaliex din il-

[1] Paġ. 16 tal-proċess

Qorti għandha tħassar *contrario imperio* d-degriet mogħti mill-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja;

Rat id-degriet tagħha tat-2 ta' April, 2007, li bih qiegħdet il-kawża fuq il-lista għas-smigħ tat-18 ta' April, 2007;

Rat id-degriet tagħha tas-17 ta' April, 2007[2], li bih ċaħdet talba magħmula mir-rikorrent b'rikors tiegħu tad-9 ta' April, 2007, biex jinqaleb l-ordni tas-smigħ tal-provi;

Rat il-verbal tas-smigħ tat-18 ta' April, 2007[3] li fih il-partijiet qablu dwar xi aspetti għall-mixi 'l quddiem tal-kawża, billi (i) l-eċċezzjoni preliminari dwar ir-ritwalita' tal-azzjoni tingħata deċiżjoni dwarha b'kap għalih fis-sentenza fil-mertu; (ii) l-intimata awtorizzat l-aċċess għal kull tagħrif mediku miżmum dwarha u irrinunzjat għas-sigriet professjonali dwar kull xhud li seta' jinġieb biex jixhed dwar kundizzjonijiet mediċi tagħha, b'żieda ma' dak it-tagħrif li kien diġa' jagħmel parti mill-atti tal-kawża maqtugħa fit-28 ta' Ġunju, 2006; (iii) iddikjaraw il-mod ta' kif kien fi ħsiebhom iressqu l-provi tagħhom, u (iv) iffissat programm ta' seduti għall-ġbir tal-provi;

Rat id-degriet tagħha tat-8 ta' Mejju, 2007[4], li bih u fuq talba magħmula mir-rikorrent b'rikors tiegħu tas-26 ta' April, 2007, awtoriżżat li x-xhieda tal-kirurgu li opera lill-intimata tittieħed bil-mezz tal-*video conferencing*;

Rat ix-xhieda mressqa mill-partijiet bil-meżż tal-affidavit;
Semgħet ix-xhud imressqin mir-rikorrent jixhdu quddiemha fl-eżami u fil-kontro-eżami;

Rat id-degriet tagħha tal-10 ta' Mejju, 2007[5] li bih ordnat li jinġiebu quddiemha l-atti tal-kawża maqtugħa b'sentenza fuq talba tal-intimata kontra r-rikorrent tal-lum;

Rat il-verbal tas-smigħ tad-19 ta' Ġunju, 2007[6] li bih l-avukati tal-parti intimata iddikjaraw li ma kellhomx provi oħrajn x'iressqu;

---

[2] Paġ. 32 tal-proċess
[3] Paġġ. 43 – 4 tal-proċess
[4] Paġ. 47 tal-proċess
[5] Paġ. 102 tal-proċess

Rat in-Nota mressqa mir-rikorrent fit-28 ta' Ġunju, 2007[7] li biha iddikjara li ma kienx fi ħsiebu jibqa' jinsisti li jressaq b'xhud tiegħu lill-kirurgu P. J. Thomas li wettaq l-intervent kirurġiku fuq il-persuna tal-parti intimata;

Rat id-degriet tagħha tal-11 ta' Lulju, 2007, li bih u fuq talba tal-avukati tal-partijiet, ordnat li t-trattazzjoni tal-għeluq issir permezz ta' bdil ta' Noti ta' Sottomissjonijiet;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mir-rikorrent fit-22 ta' Awissu, 2007[8];

Rat id-degriet tagħha tat-3 ta' Ottubru, 2007[9], li bih tawlet iż-żmien li fih il-parti intimata kellha tressaq in-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħha;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-parti intimata fis-16 ta' Ottubru, 2007[10], bi tweġiba għal dik tar-rikorrent;

Rat l-atti kollha tal-kawża u dawk tal-kawża maqtugħa fit-22 ta' Novembru tal-2005;

Rat id-degriet tagħha tal-24 ta' Ottubru, 2007, li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni dikjaratorja u għal tħassir ta' provvediment mogħti mill-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja. B'din l-azzjoni, ir-rikorrent qiegħed jitlob dikjarazzjoni li meta b'sentenza li tingħata taħt l-artikoli 257A sa 257D tal-Kodiċi Ċivili ssir xi dikjarazzjoni dwar is-sess tal-persuna li titlob bidla f'Att ta' Stat Ċivili tagħha (l-Att tat-Twelid), dik id-dikjarazzjoni tkun tgħodd biss għal skop ta' ħarsien tal-privatezza tal-persuna li tkun u mhux ukoll għax ikun qiegħed jingħata għarfien li persuna bħal

---

[6] Paġ. 135 tal-proċess
[7] Paġ. 136 tal-proċess
[8] Paġġ. 139 sa 147 tal-proċess
[9] Paġ. 148 tal-proċess
[10] Paġġ. 149 sa 156 tal-proċess

dik m'għadhiex tas-sess li kellha qabel. Ir-rikorrent qiegħed jitlob ukoll li, ladarba dan huwa l-każ, din il-Qorti tħassar *contrario imperio* degriet mogħti mill-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja li ordnatlu jippubblika t-tnedijiet għaż-żwieġ tal-parti intimata ma' persuna oħra (raġel), ladarba l-parti intimata ma setgħetx tersaq għal żwieġ skond il-liġi ta' Malta;

Illi l-parti intimata twarrab dan kollu u tgħid li l-azzjoni attriċi tipprova tnessi l-fatt li diġa' ngħatat sentenza dwar l-istatus tagħha u li ma hemm l-ebda raġuni għaliex ir-rikorrent m'għandux joqgħod għad-degriet tal-Qorti li ordnatlu li joħroġ it-tnedijiet biex tkun tista' tiżżewweġ;

Illi l-fatti ewlenin li joħorġu mill-atti tal-kawża juru li l-parti intimata twieldet fl- XJS. Fit-twelid tqieset li kienet tifel u ngħatat l-isem ta' "J"[11]. Kien missier it-tarbija li rrapporta t-twelid tliet ġimgħat wara li ġara. Wara żmien ta' taqlib u xejriet fil-ħajja tagħha u ta' tħejjija u kura[12], l-parti intimata sarilha intervent kirurġiku fl-20 ta' Jannar, 2005, fis-Sussex & Hove Nuffield Hospital ta' Brighton ir-Renju Unit[13]. Il-kirurgu Philip J. Thomas iddikjara li b'dak li għamel, il-bidla li seħħet fil-parti intimata kienet waħda li ma setgħetx titreġġa' lura[14]. Bis-saħħa ta' dak l-intervent hija kienet ħadet is-sura fiżika ta' mara;

Illi fit-13 ta' Settembru tal-2005, il-parti intimata fetħet kawża quddiem din il-Qorti (presjeduta mill-Onorevoli Mħallef Raymond C. Pace) għall-finijiet tal-artikolu 257A tal-Kodiċi Ċivili kontra r-rikorrent tal-lum. Dik il-Qorti ħatret lill-kirurgu Mark Brincat biex jeżamina lill-persuna u jagħti l-fehmiet tiegħu ta' espert dwarha. Fid-9 ta' Marzu, 2006[15] huwa ressaq ir-rapport tiegħu bil-fehma li, dwar il-parti intimata, "*Her body habitus is that of a female and in my opinion she is phenotypically a female*". Ir-rapport inħalef minnu fl-10 ta' Marzu, 2006. Wara li l-Qorti rat li l-parti intimata hija domiċiljata f'Malta u, sa dak inhar, ma kenitx

[11] Dok "JC", f'paġ. 37 tal-proċess
[12] Ara l-affidavit tagħha f'paġġ. 18 – 9 tal-atti tal-Kawża
[13] Dokti "MB1" u "MB2", f'paġġ. 69 sa 71 tal-proċess
[14] Dok "A", f'paġ. 58 tal-proċess
[15] Dok "B", f'paġ. 59 tal-proċess

miżżewġa, tat sentenza[16] li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, laqgħet it-talbiet tagħha u ordnat li jsiru l-bidliet fl-Att tat-Twelid tagħha. Is-sentenza għaddiet f'ġudikat, u l-intimat (l-attur tal-lum) daħħal l-annotazzjonijiet meħtieġa fl-imsemmi Att fis-27 ta' Lulju, 2006;

Illi b'ittra li ġġib id-data tas-26 ta' Settembru tal-2006, il-parti intimata talbet lir-Reġistratur taż-Żwiġijiet jilqa' t-talba tagħha biex tiżżewweġ. Ma ngħata l-ebda tagħrif dwar il-persuna li lilha l-parti intimata kellha l-ħsieb li tiżżewweġ. Il-parti intimata ressqet ittra uffiċjali fl-1 ta' Diċembru, 2006, billi r-Reġistratur sa dak iż-żmien kien għadu ma ħax deċiżjoni dwar it-talba magħmula. B'ittra tal-21 ta' Diċembru, 2006, ir-Reġistratur irrifjuta li jilqa' t-talba tal-parti intimata. Fis-17 ta' Jannar tal-2007, il-parti intimata ressqet rikors quddiem il-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja għall-finijiet tal-artikolu 8(2) tal-Kapitolu 255 tal-Liġijiet ta' Malta u li bih talbet li dik il-Qorti tqiegħed l-istess rikors għas-smigħ u biex din tordna lir-Reġistratur jippubblika t-tnedijiet għaż-żwieġ[17]. Id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku ressaq Tweġiba li biha wera għaliex, fil-fehma tiegħu, dik il-Qorti ma kellhiex tilqa' t-talba. Ma nżamm l-ebda smigħ. Il-Qorti tat id-degriet kamerali tagħha[18], u bih laqgħet it-talba tal-parti intimata billi ordnat lir-rikorrent jippubblika t-tnedijiet tagħha. Fit-23 ta' Frar, 2007, infetħet din il-kawża;

Illi l-mod kif inhi mfassla l-kawża jnissel bosta konsiderazzjonijiet ta' natura legali marbutin mal-każ u li jġibu magħhom effetti wesgħin u li jmorru lil hinn mill-każ tal-lum;

Illi l-ewwel konsiderazzjoni hija **dwar is-siwi tal-proċedura li biha nqeda r-rikorrent.** Dan qiegħed isir minħabba li l-parti intimata ressqet eċċezzjoni dilatorja u ta' bixra preliminari li tattakka l-mod kif l-attur mexxa din il-kawża. Għalhekk, jinħtieġ li din il-Qorti tistħarreġ din l-eċċezzjoni qabel kull ħaġa oħra;

[16] Paġġ. 37 sa 45 tal-atti tal-Kawża
[17] Affidavit ta' Ermelinda Żahra 3.5.2007, f'paġġ. 54 – 5 tal-proċess
[18] Dok "A", f'paġġ. 8 – 9 tal-proċess

Illi l-parti intimata tisħaq li l-mod kif mexxa r-rikorrent huwa irritwali, billi tgħid li hu ma kellux jitlob it-tħassir tad-degriet li kienet tat il-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja, imma li hu messu talab li din il-Qorti tagħti l-provvedimenti meħtieġa dwar dak l-istess degriet. Biex issaħħaħ din il-fehma tagħha, il-parti intimata tistrieħ fuq żewġ sentenzi tal-Qrati tagħna[19]. Wieħed għandu jqis din l-oġġezzjoni tal-parti intimata fid-dawl ta' dak li r-Reġistratur qiegħed jitlob f'dan il-każ, u mhux fuq argument fl-astratt. F'din il-kawża, l-attur qiegħed jitlob it-tħassir tad-degriet mogħti mill-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja, għaliex jgħid li dak id-degriet huwa milqut minn nuqqas li jmur kontra dak li tiddisponi l-Liġi dwar iż-Żwieġ f'Malta, u għalhekk, kontra l-ordni pubbliku. Din it-talba tinbena mill-premessi tar-Rikors Maħluf u mill-kliem tar-Rikors ma jitħalla l-ebda dubju dwar dak li l-attur irid jgħid;

Illi huwa magħruf u stabilit li minn degrieti tal-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja ma jeżistix dritt ta' appell, iżda huwa miftuħ lil parti li tħossha aggravata b'degriet bħal dak li tressaq kawża quddiem din il-Qorti biex jingħata r-rimedju meħtieġ, magħdud it-tħassir ta' degriet bħal dak. Jidher li din ir-regola tnisslet mill-għarfien ta' tliet suriet ta' degrieti – dawk li huma definittivi, dawk li huma interlokutorji u dawk li la jaqgħu taħt l-ewwel u lanqas taħt it-tieni kategorija[20]. Jidher li d-degriet mogħti mill-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja ma kienx wieħed definittiv, għaliex ma temmx xi kwestjoni kontenzjuża ("*terminat negotium de quo agitur*"). Iżda lanqas ma kien wieħed interlokutorju ("*non terminat negotium principale, sed aliam post se expectat sententiam*") għaliex ma kienx mistenni li, warajh, isir xi pronunzjament ġudizzjarju definittiv fi ħdan dik l-istess proċedura[21]. Tabilfors, allura, li dak id-degriet jaqa' fit-tielet kategorija u f'każ ta' degriet bħal dak ir-rimedju waħdieni miftuħ għal min ikun irid jattakkah huwa dak ta' kawża quddiem din il-Qorti[22];

---

[19] Saret riferenza għas-sentenza App. Ċiv. **5.1.1866** fil-kawża fl-ismijiet ***Bruno vs Caruana et*** (Kollez. Vol: **III.473**) u P.A. **14.3.1955** fil-kawża fl-ismijiet ***Gauċi vs Galea noe*** (Kollez. Vol: **XXXIX.ii.600**)

[20] App. Ċiv. **10.8.1953** fl-atti tar-Rikors fl-ismijiet ***Baldacchino vs Bellizzi*** (Kollez. Vol: **XXXVII.i.519**)

[21] Ara P.A. **20.4.1989** fil-kawża fl-ismijiet ***Grech vs Grech*** (Kollez. Vol: **LXXIII.iii.785**)

[22] Ara, għalkemm f'kuntest ta' degriet mhux mogħti minn Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja, App. Ċiv. **8.5.2003** fl-Atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Josef Gatt vs Marisa Gatt***

Illi għalhekk, ladarba l-attur fil-kawża tal-lum ma kienx qiegħed jaqbel ma' dak li d-degriet kien ordnalu li jagħmel, ma kellu l-ebda għażla oħra ħlief li jiftaħ din il-kawża. Il-parti intimata tgħid li, madankollu, l-attur messu talab provvediment speċifiku u mhux is-sempliċi tħassir ta' dak id-degriet. Din il-Qorti ma taqbilx ma' dan l-argument. It-tħassir ta' degriet huwa minnu nnifsu provvediment speċifiku jekk it-talba għat-tħassir ta' dak id-degriet tirriżulta fondata; anzi, fil-fehma ta' din il-Qorti, t-tħassir ta' degriet huwa l-provvediment l-iżjed radikali, għaliex itemm kull effett li dak id-degriet seta' qatt kellu. Hija ħaġa minn ewl id-dinja, mbagħad, li jekk kemm-il darba tintlaqa' talba għat-tħassir ta' degriet bħal dak, il-provvediment li awtomatikament jinħalaq ikun dak li l-parti li qabel kienet marbuta bl-effetti ta' tali degriet ma tibqax hekk iżjed marbuta. Dak huwa effett konsegwenzjali naturali li m'għandha għalfejn issir l-ebda talba speċifika dwaru;

Illi għalhekk, il-Qorti ma ssibx li l-ewwel eċċezzjoni tal-parti intimata hija mistħoqqa u m'hijiex sejra tilqagħha;

Illi t-tieni konsiderazzjoni hija **dwar l-effetti tal-proċedura li biha persuna titlob bdil fl-Att tat-Twelid tagħha safejn jissemmew il-konnotati tas-sess tagħha.** Hawnhekk ir-rikorrent qiegħed iqanqal il-kwestjoni li l-azzjoni għall-annotazzjoni fl-indikazzjoni ta' partikolaritajiet tas-sess ta' persuna kif jidhru fl-Att tat-Twelid tagħha hija biss azzjoni li taħseb biex **il-konnotati tal-persuna jkunu jaqblu mad-dehra** tagħha, iżda mhux biex tinkiseb dikjarazzjoni li persuna li tkun twieldet b'sess partikolari ssir, b'effett tal-liġi, persuna ta' sess ieħor għal fini ta' kull liġi;

Illi din it-talba hija waħda li titlob sentenza dikjaratorja għaliex, għalkemm marbuta sfiq mal-każ tal-parti intimata, qegħda titlob lill-Qorti li tippronunċja ruħha dwar it-tifsira u l-effett ta' dispożizzjonijiet partikolari tal-liġi dwar kull każ bħal dak tal-parti intimata. Meta wieħed jitkellem dwar azzjoni dikjaratorja, tqum minnufih il-kwestjoni tal-interess

li wieħed iressaqha. Huwa stabilit[23] li m'humiex amissibbli azzjonijiet merament dikjaratorji, meta r-rimedju li għalih jistgħu jkunu preordinati mhux biss m'huwiex mitlub, imma lanqas jista' jintalab mill-Qorti. Dan il-prinċipju jintrabat mal-ħtieġa li min jiftaħ kawża jrid juri li għandu interess li m'huwiex biss wieħed ġuridiku, imma wkoll wieħed attwali u dirett[24]. Iżda azzjoni dikjaratorja ssib is-sens tagħha jekk tkun pre-ordinata għal kawża jew talba oħra li tiddependi sewwasew mis-sentenza dikjaratorja[25]. Fil-każ tal-lum, l-attur bis-sewwa jgħid li d-dikjarazzjoni dwar l-effett u l-għan ta' dawn l-artikoli partikolari tal-Kodiċi Ċivili hija meħtieġa biex wieħed iqis jekk kemm-il darba dawk l-istess dispożizzjonijiet jolqtux ukoll it-tħaddim tad-dispożizzjonijiet tal-liġi dwar iż-żwieġ li, bis-saħħa tagħha, ingħata id-degriet impunjat mill-attur f'din il-kawża;

Illi l-Qorti qieset l-erba' artikoli ġodda li ddaħħlu fil-Kodiċi Ċivili bis-saħħa tal-Att XVIII tal-2004. Fost dawn hemm l-artikolu 257A li bis-saħħa tiegħu l-parti intimata kienet talbet u kisbet minn din il-Qorti sentenza bid-dikjarazzjoni li fl-Att tat-Twelid tagħha l-indikazzjoni tas-sess tagħha ma tibqax dik ta' "*tifel*" imma ssir dik ta' "*tifla*". Dak l-artikolu jagħti lil persuna li għaliha japplika l-jedd li tressaq azzjoni "*biex issir annotazzjoni rigward il-partikolaritajiet dwar is-sess li jkunu ġew assenjati lilu jew lilha fl-att tat-twelid*"[26]. Iżda biex azzjoni bħal dik tirnexxi, l-liġi torbot lill-Qorti li tkun soddisfatta (u dan permezz tal-ħatra ta' periti fil-qasam) li l-persuna li tagħmel kawża bħal dik tkun "*fil-fatt, għaddiet minn bidla irriversibbli ta' sess li ma jkunx dak indikat fl-att tat-twelid jew inkella jekk kinitx dejjem tappartjeni għal dak is-sess l-ieħor*"[27]. Il-liġi żżid tgħid li l-Qorti **għandha** tilqa' t-talba tal-persuna li tkun jekk "*tkun tal-fehma li jkun ġie suffiċjentement stabbilit li l-attur ikollu s-sess li jgħid li għandu u li l-kundizzjoni ta' l-attur tkun tista' tiġi meqjusa bħala waħda permanenti*"[28];

[23] Ara App. Ċiv. **3.3.1967** fil-kawża fl-ismijiet ***Giuffrida pro et noe vs Borġ Olivier et*** (Kollez. Vol: **LI.i.130, a fol. 170**)
[24] Ara, per eżempju, P.A. **20.1.1950** fil-kawża fl-ismijiet ***Watson vs Sacco et*** (Kollez.Vol: **XXXIV.ii.453**)
[25] Ara, App. Ċiv. **4.12.1944** fil-kawża fl-ismijiet ***Xuereb vs Petrococchino noe et*** (Kollez. Vol: **XXXII.i.540**)
[26] Art. 257A(1) tal-Kap 16
[27] Art. 257A(2) tal-Kap 16
[28] Art. 257B(1) tal-Kap 16

Illi fil-fehma ta' l-Qorti, dan il-kliem jagħti 'l wieħed x'jifhem li l-**għan** ta' din l-azzjoni speċjali huwa dak li jagħti għarfien **tal-fatt** tas-sess attwali tal-persuna attriċi li ma jkunx jaqbel mas-sess ta' dik il-persuna fiż-żmien li twelidha jkun ġie reġistrat. Sa hawnhekk, il-Qorti ma kienx ikollha dubju kbir biex tgħid li l-**effett** tal-imsemmija dispożizzjoni tal-liġi u tas-sentenza dikjaratorja li tintalab taħt dik id-dispożizzjoni huwa wkoll wieħed sħiħ, jiġifieri li jolqot radikalment l-identita' tal-persuna li tkun (u mhux biss id-dehra tagħha) għall-finijiet tal-istatus tagħha f'għajnejn il-liġi u għall-finijiet u effetti kollha tal-istess liġi bla ebda distinzjoni ta' xejn;

Illi, madankollu, l-Qorti ssib li hemm elementi oħrajn li jitnisslu minn fost l-imsemmija dispożizzjonijiet tal-liġi li jidher li jillimitaw kemm l-għan u kif ukoll l-effett tagħhom. Il-Qorti tirrileva erba' ċirkostanzi ewlenin;

Illi fl-<u>ewwel lok</u>, il-liġi tqiegħed ċerti kundizzjonijiet biex persuna tkun tista' tressaq azzjoni bħal dik. Fost dawn il-limitazzjonijiet, wieħed isib li tali persuna trid tkun domiċiljata f'Malta u ma tridx tkun, fil-ħin li tiftaħ il-kawża, persuna li hija diġa' miżżewġa. Hemm ukoll id-dispożizzjoni li tgħid li l-effett tal-bidla fl-Att tat-Twelid tal-persuna attriċi jibda jseħħ biss minn dak inhar 'il quddiem li d-Direttur iniżżel it-tibdil fl-imsemmi Att u mhux ukoll b'effett retrospettiv[29]. Minbarra dan, minkejja l-annotazzjoni li ssir, ma sseħħ l-ebda bidla fil-qrubija li tkun teżisti jew dwar kull obbligazzjoni li titnissel mill-istat ta' ġenitur jew minn kull kawża oħra[30]. Fil-fehma tal-Qorti, dawn huma limitazzjonijiet li jdejqu l-firxa u l-għan tal-azzjoni speċjali maħsuba fl-imsemmija dispożizzjonijiet;
Illi <u>fit-tieni lok</u>, il-liġi tirreferi għal "annotazzjoni" fl-Att tat-Twelid. Huwa magħruf li l-annotazzjoni hija rimedju li ma jistax jitqabbel ma' żball[31] jew nuqqas radikali fl-atti ta' stat ċivili u għalhekk ġeneralment l-annotazzjoni tirreferi għal ċirkostanza eċċezzjonali li tkun seħħet matul iż-żmien u li ma tkunx tolqot is-siwi radikali u storiku tal-att ta' stat ċivili

[29] Art. 257Ċ(1) tal-Kap 16
[30] Art. 257Ċ(2) tal-Kap 16
[31] Kost. **2.11.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Ellul vs Avukat Ġenerali et*** (Kollez. Vol: **LXXXV.i.466)**

kif ikun inħareġ[32]. Fil-fehma meqjusa ta' din il-Qorti, ladarba l-leġislatur qiegħed l-azzjoni speċjali taħt l-artikolu 257A tal-Kodiċi bħala waħda li tippermetti li ssir annotazzjoni, allura dan ifisser li riedha tgħodd biss għal ċirkostanza partikolari u eċċezzjonali li jkollha applikazzjoni speċifika biex tipprovdi dwar sitwazzjoni li tolqot l-istat fid-dieher tal-persuna li tkun talbet annotazzjoni bħal dik;

Illi <u>fit-tielet lok</u>, il-Qorti tifhem li l-leġislatur wasal biex idaħħal l-imsemmija dispożizzjonijiet fil-Kodiċi (li huwa liġi ġenerali) bħala rejazzjoni għal u biex jagħti rimedju dwar għadd ta' kawżi kostituzzjonali li kienu qegħdin jitressqu f'dawn il-Qrati sewwasew minħabba li l-liġi ma kenitx għadha bdiet taħseb għal sitwazzjonijiet fejn persuna tgħaddi minn proċess ta' bidla tas-sess tagħha. Minn eżami tal-biċċa l-kbira minn dawk il-każijiet, jidher li l-ilment kostituzzjonali kien immirat lejn il-ħsara li persuni li jgħaddu minn dik il-bidla kienu jġarrbu sewwasew għaliex id-dehra tagħhom ma kenitx taqbel ma' dak li jkun ġie dikjarat fl-Att tat-Twelid tagħhom u b'konsegwenza ta' hekk mad-dokumentazzjoni uffiċjali li l-Istat Malti kien joħroġ dwarhom. Il-biċċa l-kbira minn dawk is-sentenzi kienu qiesu ksur tal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni li jitkellem għar-rispett ta' kull persuna dwar il-ħajja privata tagħha u ma kinux qablu li kien hemm ksur ta' xi jedd fundamentali ieħor[33];

Illi, <u>fir-raba' lok</u>, minħabba l-prinċipju aċċettat li liġi ġenerali ġdida mhux tabilfors tibdel jew tħassar liġi speċjali li saret qabilha ("*generalia specialibus non derogant*")[34], l-Qorti ssib li d-dispożizzjonijiet il-ġodda mdaħħla f'din it-Taqsima tal-Kodiċi Ċivili jgħoddu safejn il-ħtiġijiet partikolari tagħhom setgħu kienu meħtieġa għall-finijiet ta' dikjarazzjonijiet tal-istatus ta' persuna f'dak li għandu x'jaqsam mal-privatezza tagħha, u ma jibdlux id-dispożizzjonijiet tal-Att tal-1975 dwar iż-Żwieġ (li hija l-liġi

[32] App. Ċiv. **19.4.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Marcello Basile Fasolo vs Direttur tar-Reġistru Pubbliku***
[33] Ara, b'eżempju, Kost **14.7.1995** fil-kawża fl-ismijiet ***Cassar vs Onor. Prim Ministru et*** (Kollez. Vol: **LXXIX.i.206**), Kost. **9.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Gilford vs D.R.P.*** (Kollez. Vol: **LXXXV.i.183**)
[34] Ara J.M. Ganado <u>Prolegomena: Abrogation of Law</u> paġ. 59

speċjali li tirrigwarda ċ-ċelebrazzjoni, l-għarfien u l-ħtiġijiet ta' żwieġ legali f'Malta);

Illi din il-fehma toħroġ minn dak li ngħad fi ħdan il-Kumitat Permanenti tal-Kamra tad-Deputati (dak għall-Kunsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Liġi) meta kien qegħed jifli l-abbozz ta' liġi dwar l-istess dispożizzjonijiet tal-lum. Il-Qorti jidhrilha xieraq li ġġib kelma b'kelma x'ingħad dwar dawn id-dispożizzjonijiet partikolari waqt l-imsemmi dibattitu. Dawn ir-rimarki tqanqlu minn żewġ mistoqsijiet li saru minn żewġ deputati tal-Kamra[35], it-tnejn fil-qafas ta' każ fejn persuna ġġarrab l-esperjenza ta' *gender re-assignment* u li trid tgħaddi għal żwieġ. L-Onor. Ministru fisser il-fehma tal-leġislatur f'dawn il-kliem:

"*Din il-klawsola*[36] *hija xi ħaġa ġdida, għalkemm hija konsegwenzjali għal ċerti sentenzi kostituzzjonali. Hawnhekk se' nagħtu d-dritt li kull persuna mhux miżżewġa – u nenfasizza l-kliem "mhux miżżewġa" – li jkollha d-domiċilju tagħha f'Malta – mela ż-żewġ requirements, domicile f'Malta kif ukoll meta jiġu minn barra kulħadd jitlob l-annotation tas-sess, u jista' jitlob li jagħmel azzjoni ġudizzjarja biex issir annotazzjoni rigward il-partikolaritajiet tas-sess li jkunu ġew assenjati lilu jew lilha. ..... Irrid nagħmilha ċara, għax staqsewhieli fis-second reading, li l-gvern qed jagħmilha ċara li din ma tintonax*[37] *li n-nies ta' l-istess sess jistgħu jiżżewġu. Din għedtha pubblikament li fit-test oriġinali kien hemm li għal kull skop tal-liġi se' jitqies hekk u konna qlajniha barra apposta ... aħna nibqgħu nsostnu li biex (persuna) minn Mario ssir Maria kollox sew, ħalli mhux isejħu Mario lil xi ħadd li jidher bħala mara, imma mbagħad Mario ma jistax jiżżewweġ Mario ieħor. .... Pero' int tapprezza li l-eżerċizzju kollu qiegħed biex nipproteġu l-privacy tan-nies*"[38] (Ir-rig taħt uħud mll-kliem sar mill-Qorti);

Illi dan il-kliem ifisser sewwa x'kellu f'moħħu l-leġislatur meta għadda dawn id-dispożizzjonijiet u x'inhi r-rieda tal-

[35] L-Onor. Anġlu Farruġia u l-Onor. David Aġius
[36] R-riferenza hija għal klawsola 37 tal-Abbozz: "Żieda ta' l-artikoli 257A sa 257D tal-Kodiċi Ċivili"
[37] *Recte:* ma tintitolax (?)
[38] L-Onor. Ministru Tonio Borġ, laqgħa Nru. 15 (26.4.2004), f'paġġ. 4 – 5

istess leġislatur f'każijiet bħal dawn, l-iżjed meta wieħed jiġi biex jagħti t-tifsira u l-applikazzjoni għal dawk id-dispożizzjonijiet tal-liġi. Ta' min jirrileva wkoll li dik il-klawsola għaddiet "*nem con*" u saret il-liġi li għandna fis-seħħ illum;

Illi minn dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, il-Qorti tasal għall-fehma li l-pretensjoni tal-attur dwar l-imsemmija dispożizzjoni toħroġ mill-fehma espressa mogħtija mil-leġislatur, u għalhekk l-ewwel talba tiegħu tidher li hija mistħoqqa u sejra tintlaqa';

Illi t-tielet konsiderazzjoni hija **dwar jekk hemmx lok li titħassar l-ordni għall-ħruġ tat-tnedijiet taż-żwieġ tal-parti intimata**. L-ordni mogħti mill-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja lill-attur f'din il-kawża huwa degriet motivat b'dan il-mod: "*Peress li ż-żwieġ li ser jiġi kuntrattat mhux kontra l-provvedimenti tal-Kap 255 u mhux kontra l-ordni pubbliku peress li hu żwieġ bejn żewġ persuni ta' sess differenti; Tilqa' t-talba u tordna lill-intimat joħroġ it-tnidijiet skond il-liġi*". L-attur qiegħed jattakka dak id-degriet li, kif ingħad, għandu saħħa eżekutiva;

Illi l-Qorti tħoss li għandha tosserva li meta l-parti intimata ressqet it-talba biex ir-rikorrent jippubblika t-tnedijiet taż-żwieġ tagħha, hija ma semmietx 'il-persuna li kellha f'moħħha li tiżżewweġ[39]. Minkejja dan, ir-rikorrent deherlu li kellu xorta waħda jiċħad it-talba tal-parti intimata għar-raġuni li t-talba kienet tmur kontra l-ordni pubbliku ta' Malta u kontra d-dispożizzjonijiet tal-Att dwar iż-Żwieġ, u dan għaliex iqis li l-parti intimata, minkejja l-bidliet li seħħew fis-sura tagħha u l-interventi kirurġiċi li għamlet u minkejja s-sentenza li ngħatat dwar il-bidliet fl-Att tat-Twelid tagħha, baqgħet xorta waħda persuna ta' sess maskil. Toħroġ għalhekk waħedha l-mistoqsija jekk l-atteġġament tar-rikorrent f'din il-ġrajja kollha (magħduda l-pożizzjoni li ħa f'din il-kawża) għandux ifisser li, bħala Reġistratur taż-Żwiġijiet, qiegħed isostni li l-parti intimata m'għandha l-ebda jedd li tidħol fi żwieġ, jew jekk il-parti

[39] Kien biss meta tressaq ir-rikors quddiem il-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja f'Jannar tal-2007, li l-parti intimata semmiet għall-ewwel darba lill-persuna l-oħra u tat ħjiel tas-sess ta' dik il-persuna.

intimata tista' tiżżewweġ, imbasta lil persuna li m'hijiex ta' sess maskil. U, f'każ li l-pożizzjoni hija din tal-aħħar, x'kien fi ħsiebu jagħmel li kieku l-parti intimata marret għandu tagħmel talba għar-reġistrazzjoni tat-tnedijiet għal żwieġ ma' persuna oħra li tkun mara. Dawn il-kwestjonijiet jitqanqlu għaliex jitfgħu dawl fuq l-aspett tad-diskrezzjoni mogħtija mil-liġi lir-Reġistratur taż-Żwiġijiet u fuq l-aspett ta' kif dik id-diskrezzjoni tintuża u safejn tolqot il-jeddijiet tal-persuna milquta;

Illi mit-tweġibiet mogħtija mill-attur (u mis-sottomissjonijiet magħmulin f'ismu mill-avukati difensuri tiegħu) waqt is-smigħ tal-kawża, jidher li l-pożizzjoni meħuda hija dik li persuna li tkun għaddiet mill-proċess ta' *gender reassignment* ma tistax tgħaddi biex tiċċelebra żwieġ skond il-liġi tagħna, ikun min ikun is-sieħeb jew sieħba li tali persuna tressaq 'il quddiem bħala s-sieħeb jew sieħba futur tagħha. Minħabba n-natura tal-kariga tar-Reġistratur, il-Qorti tifhem li din hija l-politika uffiċjali tal-Istat Malti f'ċirkostanzi bħal dawn. Din hija wkoll il-fehma murija f'xi deċiżjonijiet tal-Qrati tagħna fil-kompetenza kostituzzjonali tagħhom[40], fost l-oħrajn, għalkemm mhux fi qbil għal kollox ma' deċiżjonijiet dwar dan il-punt mogħtijin f'dawn l-aħħar snin mill-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem[41] li jidher li saret tqis il-jedd fundamentali li wieħed jiżżewweġ bħala mhux tabilfors marbut mal-jedd li wieħed jifforma familja skond l-artikolu 12 tal-Konvenzjoni, u wkoll li biex wieħed jasal biex jiddetermina n-natura jew is-sess ta' bniedem m'għandux joqgħod biss fuq il-kriterju bijoloġiku;

Illi din il-Qorti tinnota wkoll, madankollu, li dawk l-istess sentenzi tal-Qorti Ewropeja jgħidu bla tlaqliq li għalkemm m'għandux ikun li persuna transesswali tiċċaħħad għal kollox milli tgawdi l-jedd li tiżżewweġ, "*it is for the Contracting State to determine inter alia the conditions under which a person claiming legal recognition as a*

[40] Ara, per eżempju, P.A. (Kost) TM **16.1.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Ħili magħruf bħala Nadia Ħili vs L-Avukat Ġenerali et*** (konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali, imma għal motivi differenti, fit-30.5.2003)

[41] Ara, per eżempju, QEDB (GC) **11.7.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***I vs ir-Renju Unit*** (Applik. Nru. 25680/94) §§ 77 – 83 u QEDB (GC) **11.7.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Goodwin vs ir-Renju Unit*** (Applik. Nru. 28957/95) § 103

*transsexual establishes that gender re-assignment has been properly effected or under which past marriages cease to be valid and the formalities applicable to future marriages*"[42]. Dan il-kliem jixhed li kemm ir-regolamentazzjoni tal-għarfien tal-bdil tas-sess minn persuna u l-kundizzjonijiet biex wieħed jidħol għal żwieġ huma żewġ kriterji li jingħarfu l-waħda mill-oħra u, fuq kollox, li huwa mħolli fil-kompetenza tal-Istat biex jirregolahom kif jidhirlu l-aktar xieraq;

Illi din il-Qorti tagħraf li xogħolha huwa determinat mill-qafas tal-liġijiet eżistenti u dan għaliex "*għandu jkun ċar li din il-Qorti m'għandhiex poter li timponi rimedju leġislattiv, għajr li tiddikjara norma bħala li tivvjola l-jeddijiet fundamentali. Tista' biss tissolleċita li dan isir f'determinati ċirkostanzi biex jiġu salvagwardati tali jeddijiet fundamentali*"[43]. Dak il-kliem ingħad minn din il-Qorti fil-kompetenza kostituzzjonali tagħha. Is-setgħa ta' din il-Qorti fil-kompetenza ordinarja tagħha hija idjaq, għaliex il-każ ligħandha quddiemha ma jirrigwardax ilment ta' ksur ta' jedd kostituzzjonali jew konvenzjonali. Minn dan kollu li ngħad, hija l-fehma sħiħa ta' din il-Qorti li bħalissa hu mħolli f'idejn il-leġislatur biex jagħti l-attenzjoni meħtieġa għal-liġi tagħna biex tieħu ħsieb taċ-ċirkostanzi li jinsabu fihom bosta persuni bħall-parti intimata. Sadattant, xogħol il-Qrati huwa dak li jfissru l-liġi eżistenti b'applikazzjoni tagħha skond iċ-ċirkostanzi partikolari ta' kull każ;

Illi dwar żwieġ il-liġi tagħna (li, minbarra d-dispożizzjonijiet ta' liġi ġenerali fil-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, hi regolata wkoll b'liġi speċjali[44]) ma tagħtix tifsira ta' "żwieġ" imma tagħti tifsira ta' "Żwieġ Kattoliku". Mhux kull żwieġ li l-liġi tagħtih għarfien huwa żwieġ kattoliku, għaliex il-liġi tagħraf żwieġ kemm fil-forma reliġjuża u kif ukoll fil-forma ċivili biss[45]. Iżda, għall-kuntrarju ta' dak li jaħsbu xi wħud, l-liġi tagħti għarfien għal żwieġ biss jekk kemm-il darba dan isir minn raġel u mara bejniethom. Dan joħroġ minn

---

[42] ***I vs ir-Renju Unit***, *supra*, § 83
[43] P.A. (Kost) JSP **22.4.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***Gilford vs Direttur tar-Reġistru Pubbliku***
[44] Att XXXVII tal-1975 dwar iż-Żwieġ (Kap 255 tal-Liġijiet ta' Malta) kif mibdul
[45] Art. 2(2) tal-Kap 255

kliem l-artikolu 15(2) tal-Kap 255 li jitkellem dwar "martu jew żewġha rispettivament" li jidher li jiġbru fihom il-kunċett ta' "*coniunctio maris et feminae*" u "*viri et mulieris coniunctio*" kif imfissra fid-Dritt Ruman[46] sa minn żmien Modestinu[47] u Ulpjanu[48]. Dawk huma s-sisien ġuridiċi li fuqhom inbnew u tħarsu l-prinċipji ġuridiċi tal-istitut taż-żwieġ fis-sistema legali tagħna f'Malta[49]. Dawn is-sisien huma, kif sewwa issottometta l-attur fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu, materji ta' ordni pubbliku[50]. Id-degriet innifsu li ngħata mill-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja f'dan il-każ itenni din il-fehma u dan billi jagħmilha ċara li kienet qiegħda tilqa' t-talba tal-parti intimata sewwasew għaliex iż-żwieġ li trid tidħol għalih "*hu żwieġ bejn żewġ persuni ta' sess differenti*";

Illi d-diffikulta' kbira li tinħoloq hi minħabba li ma tingħata mil-liġi Maltija l-ebda tifsira ta' x'inhu li jagħmel persuna "raġel" jew "mara" għall-finijiet ta' żwieġ;

Illi f'dan ir-rigward il-Qorti tgħodd bħala gwida rilevanti din is-silta meħuda minn sentenza tal-High Court fir-Renju Unit (li kienet tikkonċerna s-siwi ta' żwieġ fejn il-"mara" kienet għaddiet minn bidla transesswali) fejn jingħad illi "*Since marriage is essentially a relationship between man and woman, the validity of the marriage in this case depends, in my judgement, upon whether the respondent is or is not a woman. ... The question then becomes, what is meant by the word "woman" in the context of a marriage, for I am not concerned to determine the legality of the respondent at large. Having regard to the essentially hetero-sexual character of the relationship which is called marriage, the criteria must, in my judgment, be biological, for even the most extreme degree of transsexualism in a male or the most severe hormonal imbalance which can exist in a person with male chromosomes, male gonads, and male genitalia cannot*

[46] R.W. Lee The Elements of Roman Law (1956) paġ 80 u ara wkoll C.J. Scicluna The Essential Definition of Marriage According to the 1917 and 1983 Codes of Canon Law (P.U.G., 1992), paġġ. 35 – 46
[47] *Dig. 23,2,1*
[48] *Inst. Just. 1,9,1*
[49] Ara, per eżempju, App. Ċiv. **28.7.1987** fil-kawża fl-ismijiet ***Farruġia utrinque*** (Kollez. Vol: **LXXI.ii.205**)
[50] Par Ċ tan-Nota f'paġġ. 144 – 6 tal-proċess

*reproduce a person who is naturally capable of performing the essential role of a woman in marriage. In other words, the law should adopt in the first place the first three of the doctors' criteria, i.e. the chromosomal, gonadal and genital tests, and if all three are congruent, determine the sex for the purpose of marriage accordingly, and ignore any operative intervention*"[51]. Din il-fehma reġgħet ittenniet f'kawża oħra tixbahha quddiem qorti fi grad ta' appell fl-2001[52];

Illi tajjeb li jingħad li, fil-każ tal-lum, il-parti intimata tisħaq li hija bidlet is-sess tagħha biex illum hija saret u jmissha titqies bħala mara. Dan il-fatt ilu jissemma konsistentement sa minn matul is-smigħ tal-kawża li bih hija kisbet il-bdil tal-Att tat-Twelid tagħha. Fi kliem ieħor, il-parti intimata tgħid li dak li hija llum ġara bis-saħħa ta' **bidla** tas-sess tagħha u mhux għaliex hija kienet minn dejjem persuna ta' sess femminil. Dan il-fatt hu kruċjali għas-soluzzjoni tal-kwestjoni li l-Qorti għandha mifruxa quddiemha, b'mod partikolari fid-dawl tal-azzjoni attriċi li trid li l-bidla li għaddiet minnha l-parti intimata kienet biss waħda kosmetika u ma ġabitx fiha bidla fundamentali fis-sess tagħha li jagħmilha "mara" għall-finijiet tal-liġi li tirregola ż-żwieġ;

Illi f'dan ir-rigward tul is-smigħ tal-kawża l-attur ressaq provi *ex parte* dwar il-qagħda medika u psikoloġika tal-parti intimata. Minn dawn il-provi, joħorġu fehmiet serji li jindikaw li bejn dak li jidher u dak li hu hemm differenza qawwija u fundamentali fil-personalita' tal-parti intimata[53]. Dawn il-fehmiet (għalkemm b'mod inqas kategoriku) ntwerew ukoll mill-istess espert mediku li, fil-kawża mibdija mill-parti intimata u li bis-saħħa tas-sentenza tagħha saru l-annotazzjonijiet fl-Att tat-Twelid tagħha, kien iddikjara kategorikament li l-parti intimata kienet saret mara[54]. Minbarra dawn il-fehmiet, il-Qorti stħarrġet ukoll

---

[51] EWP 83 fil-kawża fl-ismijiet ***Corbett vs Corbett (Otherwise Ashley)*** (1971) *per* Ormrod J. § 106
[52] EWCA (Civ. Div.) 1140 fil-kawża fl-ismijiet ***Bellinger vs Bellinger*** (**16.7.2001)** *per* Butler Sloss, Thorpe, Walker Jj.
[53] Affidavit ta' Dr. Michael Axiaq Dok "DPR1", f'paġ. 52 tal-proċess
[54] Xhieda tal-Prof. Mark Brincat 10.5.2007, f'paġġ. 77 – 9 tal-proċess

għejjun "indipendenti" mediċi biex tasal għall-fehma iffurmata dwar iċ-ċirkostanzi li joħorġu minn dan il-każ;

Illi waqt il-ġbir tal-provi ntwera qbil li s-sess ta' kull persuna huwa determinat minn binja ta' ġenomi li tissawwar f'nisġa bejn l-aspett ġenetiku (determinat mill-bixra preponderanti tal-kromożomi fil-persuna – XY fir-raġel u XX fil-mara), dak anatomiku (determinat mill-eżistenza ta' ċerti organi li jew jinsabu f'mara jew jinsabu f'raġel, u wkoll minn karatteristiċi sekondarji jew fenotipiċi li jolqtu d-dehra tal-persuna) u dak psikoloġiku (determinat minn suriet ta' mġiba u differenzi psikiċi li jolqtu x-xejriet u preferenzi, fosthom dawk sesswali, f'kull persuna iżjed ma tikber fiż-żmien). Fil-fehma ta' wieħed mix-xhud esperti mressqa (il-Prof. Alfred Cuschieri) "*Huwa l-anatomical sex u l-psikoloġija illi jiddeterminaw l-identita` tal-individwu. ... Il-kunsiderazzjoni fundamentali kienet dejjem il-funzjonalita`, cjoe` jekk l-individwu li jkun assenjat is-sess maskili jew femminili jistax jiffunzjona kemm fiżikament kif ukoll psikoloġikament bħala raġel jew bħala mara rispettivament. ... Illi persuna transesswali hija persuna li hija ġenetikament, anatomikament u psikoloġikament mara jew raġel normali illi tesperjenza diskrepanza bejn l-identita' tagħha u s-sess li twieldet bih. Persuna transesswali taħseb illi l-mod kif tħossha hija effettivament il-fattur li jiddetermina s-sess tagħha filwaqt li l-apparenza esterna tagħha għandha tkun sottomessa għal dan*"[55];

Illi l-Qorti tirreferi wkoll għax-xhieda mogħtija quddiemha mill-parti intimata nnifisha[56]. Din tagħti stampa tat-tqanqil psikoloġiku li hija kien ilha tħoss sa minn mindu kellha ħames snin u tfisser x'kellha ġġarrab matul iż-żmien tal-adolexxenza sa ma qatgħetha li tidħol għall-proċess li wassal għall-istat li tinsab fih illum. Din ix-xhieda, kif wieħed jistenna, tintrabat l-aktar mal-aspett psikoloġiku ta' din it-taqbida imma ma tmieri xejn mill-aspetti l-oħrajn li għadhom kemm issemmew aktar qabel. Fost dawn is-sentimenti, wieħed jirreferi għal dik il-parti tax-xhieda fejn l-intimata tgħid "*kienet diffiċli ħafna li tieħu dak il-pass għaliex trid tkun mija fil-mija u jiena ħassejt illi jiena mija*

[55] Paġ. 62 tal-proċess
[56] Paġġ. 104 *et seq.* tal-proċess

*fil-mija. Meta tagħmel oġġett bħal ma għamilt jiena, l-operation, trid tkun veru 100% li tħossok mara. ... Dħalt l-isptar, tawni l-kamra tiegħi, konna jiena u l-boyfriend, ġie t-tabib, Mister Thomas u invistani, wrieni l-karti, x'jista' jiġrilek, x'jista' ma jiġrilikx, inti trid tiffirmahom. Hemm każ illi tista' tmut, tista' tispiċċa ġo wheelchair u jiġrulek ħafna affarijiet. Jiena kont qegħda hemmhekk u għidt jekk il-Mulej ma jridnix f'dik is-sitwazzjoni, kuntenta mmut. Ma stajtx nibqa' ngħix kif kont. ... Illum il-ġurnata nħossni kuntenta, kompluta Għandi boyfriend, għandi d-dar, għandi l-job tiegħi, il-business tiegħi. Inħossni tajba fiżikament u mentalment qalb in-nies, mhux bħal qabel kont nibża' min-nies. Inħossni ngħix ħajja normali*"[57];

Illi dan li jirriżulta kemm mix-xhieda tal-esperti u kif ukoll mill-kliem tal-parti intimata jaqblu sewwa ma' dak li l-awturi jfissru bħala *severe gender dysphoria*, jew kif inhu magħruf ukoll bħala *gender identity disorder* jew il-*Harry Benjamin Syndrome* li llum il-ġurnata jinsabu msejsin fuq bosta studji dettaljati li lkoll ifissru persuni milquta minn din il-kundizzjoni bħala dawk li, minkejja li huma mwielda f'sess determinabbli, madankollu jħossuhom daqslikieku ikkalzrati f'ġisem li ma jriduhx;

Illi lil hinn mill-eżami ta' x'inhu l-fenomenu tat-transesswaliżmu (li, fih innifsu, ma jsolvix il-kwestjoni li din il-Qorti għandha quddiemha), huwa siewi li wieħed jara x'inhu l-effett tal-intervent kirurġiku u l-proċess li għaddiet minnu l-parti intimata fuq dak li hu s-sess tagħha llum. Huwa punt aċċettat miż-żewġ partijiet fil-kawża u mix-xhud mediċi li tressqu li l-parti intimata, bl-intervent li għamlet, ma tistax la tnissel u lanqas twelled ulied. Fi kliemha stess "*Tfal qatt ma jista' jkolli u dan kulħadd jaf li ma jistax ikolli tfal. Jien dik hija l-ikbar ferita li għandi f'qalbi imma t-tfal m'humiex kollox fil-ħajja. Jiena nemmen li meta tħobb xiħadd, ma tħobbux għat-tfal; tħobbu għaliex tħobb persuna. Jiena ma naħsibx li xi ħadd jiżżewweġ għat-tfal. Xi ħadd jiżżewweġ għaliex tħobb il-persuna. It-tfal jiġu s-sekondi u s-sekondi jistgħu jkissru ż-żwieġ għaliex iktar attenzjoni lejn it-tfal milli lejn il-partner*"[58].

[57] Xhieda tagħha 16.5.2007, f'paġġ. 107 – 110 tal-proċess
[58] *Ibid.* f'paġ. 124 tal-proċess

Imma l-fatt li persuna ma tistax ikollha tfal ma jfissirx la li tali persuna ma tistax tidħol għal żwieġ (billi l-isterilita' m'hijiex kawża ta' nullita' taż-żwieġ) u lanqas li m'hijiex mara. Għalhekk l-istħarriġ li jrid isir għandu jfittex tweġiba band'oħra;

Illi f'dan ir-rigward, il-Qorti issemmi x-xhieda tal-konsulent George Buttiġieġ[59] li fisser l-intervent kirurġiku ta' *gender reassignment* f'dan il-mod: "*Jiġifieri aħna qed nitkellmu fuq bidla fenotipika. Li raġel jgħaddi minn rikostruzzjoni biex isir mara, qed nitkellmu fuq ħaġa fenotipika, dak li jidher. Bl-ebda mod, dawn il-bidliet illi nagħmlu fuq barra m'huma ser jaffettwawna ġenetikament. Inti jekk inti raġel ser tibqa' XY, għalkemm l-apparenza tiegħek hija femminili*". Din il-fehma baqa' jtenniha wkoll fit-tweġibiet li huwa ta meta sarlu l-kontro-eżami[60]. Daqstant ieħor skjetta hija x-xhieda tal-Prof. Alfred Cuschieri[61] li jagħmilha ċara li "*Permezz ta' operazzjoni ta' bdil ta' sess minn raġel għal mara, l-organi sesswali interni fosthom il-prostata u s-seminal vescicle ma jitbiddlux u ma ssirx kostruzzjoni ta' organi interni femminili (bħall-utru, cervix, uterine tubes u l-ovaries). Il-fiżiku ġenerali jibqa' dak ta' raġel. Lanqas ma jitbiddel il-genetic sex. ... (T)ransesswaliżmu jirriżulta f'diżgwid bejn il-perċezzjoni ta' persuna fil-forma fiżika tagħha mas-sess attwali. L-operazzjoni ta' bdil ta' sess hija biss proċedura kosmetika illi tbiddel biss l-organi ġenitali esterni iżda ma tbiddilx u ma talterax il-biological sex attwali tal-individwu*". Imbagħad, fi kliem Dr. Michael Axiaq, joħroġ li "*wara operazzjoni ta' gender reassignment, persuna tkun baqgħet tal-istess sess bħal qabel. Ikunu tbiddlu biss il-kontenut parzjali anatomiku tal-organi sesswali bil-kirurġija, u l-kontenut kimiku tal-hormones bil-mediċini li jridu jingħataw kontinwament*"[62] ;

Illi minn dak li jirriżulta mill-atti ta' din il-kawża, joħroġ li fl-intervent kirurġiku li sar fir-Renju Unit fuq il-persuna tal-parti intimata, tneħħew partijiet mill-organi ġenitali tal-pazjent (organi li huma prettament identifikabbli ma' persuna ta' sess maskil), jew intużaw "*tissues*" minn dawk

---

[59] Paġġ. 95 – 6 tal-proċess
[60] Paġġ. 98 – 9 tal-proċess
[61] Dok "DRP3", f'paġġ. 63 – 4 tal-proċess
[62] Affidavit tiegħu, f'paġ. 52 tal-proċess

l-organi biex setgħet issir il-bidla u l-adattament kosmetiku fis-sura ta' organi ġenitali prettament identifikabbli ma' persuna ta' sess femminil. Jibqa' l-fatt, madankollu, li l-prostata ma tneħħietx. Il-prostata hija organu (glandola) li jinstab biss f'raġel. Għandha funzjoni ormonali partikolari u ewlenija marbuta wkoll mas-sesswalita' tal-persuna, billi titqies bħala glandola aċċessorja fis-sistema riproduttiv ta' raġel. Għalkemm fl-intervent saret li żżomm milli l-ġisem jibqa' jipproduċi l-biċċa l-kbira tal-ormoni karatteristiċi ta' raġel (t-*testosterone*), jirriżulta li bħalissa (u sa minn żmien qabel ma għamlet l-operazzjoni) il-parti intimata qegħda wkoll iżżomm reġim ta' medikazzjoni biex trażżan ċerta attivita' ormonali f'ġisimha, u li dan huwa preskritt bħala parti mill-ħajja tagħha ta' kuljum. It-twaqqif tat-teħid ta' din il-medikazzjoni taf treġġa' lura l-proċess ormonali bi bdil saħansitra ta' ċerti fattizzi fid-dehra tagħha u li wieħed jista' jorbot ma' sess maskil[63];

Illi dawn is-siltiet juru xebh u rabta mat-tifsira tal-qagħda mediko-legali li l-fenomenu tal-bidla fis-sess ta' persuna ġabet magħha f'xi sistemi ġuridiċi ewropej fl-aħħar snin. Il-Qorti tislet waħda minn dawn li jidhrilha li tgħodd ħafna għall-każ tal-lum. "*Transessuale, secondo la dottrina medico-legale, viene considerato il soggetto che, presentando i caratteri genotipici e fenotipici di un determinato sesso (ma alcuni autori preferiscono parlare di "genere") sente in modo profondo di appartenere all'altro sesso (o genere), del quale ha assunto l'aspetto esteriore ed adottato i comportamenti e nel quale, pertanto, vuole essere assunto a tutti gli effetti ed a prezzo di qualsiasi sacrificio. Il desiderio invincibile del transessuale di ottenere il riconoscimento anche giuridico dell'appartenenza all'altro sesso si esprime, da parte sua, nella volonta` di sottoporsi ad intervento chirurgico demolitorio e ricostruttivo che operi, per quanto possibile, la trasformazione anatomica (degli organi genitali); intervento visto come una liberazione, in quanto la presenza dell'organo genitale (del sesso rifiutato) da` luogo a disgusto ed a stati di grave sofferenza e di profonda angoscia. Invero, allo stadio attuale delle*

[63] Xhieda tal-kirurgu George Buttiġieġ 10.5.2007, f'paġġ. 93 – 5 tal-proċess

*conoscienze scientifiche, si riconosce che la sindrome transessuale non puo` essere efficacemente curata ne` con terapie ormonali ne` con interventi di psicoterapia e che soltanto l'operazione chirurgica, demolitoria-ricostruttiva, puo` dare risultati positivi, come e` stato verificato nella grande maggioranza dei casi considerati. Nel transessuale, infatti, l'esigenza fondamentale da soddisfare e` quella di far coincidere il soma con la psiche (come ebbe ad esprimersi il Bundesverfassungsgericht nella nota sentenza dell'11 aprile 1978), ed a questo effetto, di norma, e` indispensabile il ricorso all'operazione chirurgica. Il transessuale sul quale sia stata operata la trasformazione anatomica degli organi genitali e` capace, di regola, di normali rapporti sessuali con un partner dell'altro sesso (quello cioe` al quale egli era originariamente ascritto), mentre gli e` preclusa, sempre nello stato attuale delle conoscenze e capacita` scientifiche, la facolta` di generare. Cio` che conta, pero`, e` che l'intervento chirurgico e la conseguente rettificazione anagrafica riescono nella grande maggioranza dei casi, come si e` detto, a ricomporre l'equilibrio tra soma e psiche, consentendo al transessuale di godere una situazione di, almeno relativo, benessere, ponendo cosi` le condizioni per una vita sessuale e di relazione quanto piu` possibile normale*"[64]. Dik l-istess sentenza għarfet, madankollu, li "*... essendo il mutamento di sesso del transessuale meramente apparente, di talche` costui continua, in realta`, ad appartenere al sesso originario*"[65];

Illi meta wieħed jiġbor dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, wieħed jasal għall-fehma li, f'għajnejn il-liġi rilevanti – dik li tirregola ż-żwieġ – il-parti intimata m'hijiex u ma tistax titqies li hija "mara". Għalhekk ma tistax skond id-dispożizzjonijiet relattivi tal-Kapitolu 255 tal-Liġijiet ta' Malta, tersaq għal żwieġ ma' persuna li hija meqjusa bħala "raġel" (kif jidher li huwa l-persuna li tissemma fir-rikors li tressaq quddiem il-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja bħala dik li l-parti intimata trid tiżżewweġ). Dan

---

[64] Corte Costituzionale **6.5.1985** (Nru. 161/85) fil-kwestjoni bejn ***Boriello c. Procuratore Generale***, § 3
[65] *Ibid.* § 12

iġib miegħu l-effett li d-degriet mogħti mill-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja fit-12 ta' Frar, 2007, jinbena fuq premessa li ma taqbilx mar-rejalta' (għaliex il-partijiet li għalihom jirreferi m'humiex ta' sess oppost) u għaldaqstant mhux sostnut mill-elementi meħtieġa mil-liġi fir-rigward. Dan ifisser ukoll li hemm raġuni tajba għaliex dak id-degriet għandu jitħassar;

Illi għalhekk, ir-raba' talba attriċi tirriżulta mistħoqqa u sejra tintlaqa';

Illi għar-**rigward it-tielet talba attriċi** il-Qorti ma tridx taħli wisq ħin fuqha. Dak li huwa mitlub fl-imsemmija talba huwa, fil-biċċa l-kbira minnu, konferma ta' dak li l-liġi diġa' tipprovdi dwaru[66]. Jidher li l-ħtieġa ta' din it-talba nħalqet għaliex meta l-parti intimata marret għand l-attur biex titolbu jibdielha l-proċess tat-tnedijiet, ma semmiet la l-isem tal-persuna li hija kien fi ħsiebha tiżżewweġ u lanqas l-isem tax-xhieda. Dan seħħ ukoll fl-ittri li kitbitlu meta interpellatu biex jibda l-imsemmi proċess. Kemm hu hekk, l-ewwel darba li jingħata l-isem tal-persuna li l-parti intimata riedet tiżżewweġ kien sewwasew fl-atti tar-rikors imressaq quddiem il-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja;

Illi, kif ingħad, il-liġi issemmi b'mod speċifiku x'inhu t-tagħrif li jrid jingħata lir-Reġistratur biex jista' jinbeda l-proċess tat-tnidijiet. Dan it-tagħrif żgur li huwa mitlub dwar iż-żewġ persuni li jridu jiżżewġu lil xulxin (inkluż żwieġ bil-prokura). F'dan ir-rigward, din il-parti tat-talba attriċi tant hi mistħoqqa għaliex dak mitlub tipprovdi dwar l-liġi nnifisha. Iżda l-liġi ma ssemmi xejn dwar it-tagħrif dwar ix-xhud, u ssemmihom biss bħala meħtieġa fiċ-ċelebrazzjoni nnifisha taż-żwieġ[67]. Ladarba l-liġi ma tgħidx kategorikament – bħalma tagħmel fil-każ taż-żewġ persuni li jridu jiżżewġu – li t-tagħrif dwar ix-xhud irid jingħata wkoll meta l-persuni jitolbu li jinbeda l-proċess tat-tnedijiet, il-Qorti ma ssibx li għandha tilqa' ukoll din il-parti tat-talba tal-attur;

[66] Art. 7 tal-Kap 255
[67] Art. 13 tal-Kap 255

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u tiddikjara li l-annotazzjoni li saret fuq l-Att tat-Twelid tal-parti intimata bis-saħħa tas-Sentenza mogħtija fit-28 ta' Ġunju, 2006, saret biss għal skop tal-ħarsien tal-privatezza tagħha u ma tagħtiha l-ebda dritt li titqies bħala "mara" għall-finijiet tal-kontrattazzjoni ta' żwieġ;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** u tiddikjara li żwieġ bejn il-parti intimata u persuna oħra ta' sess maskil imur kontra d-dispożizzjonijiet tal-Att tal-1975 dwar iż-Żwieġ (Kapitolu 255 tal-Liġijiet ta' Malta);

**Tilqa' limitatament it-tielet talba attriċi** billi tiddikjara li l-attur ma jistax joħroġ tnidijiet għal żwieġ jekk kemm-il darba ma jingħatax it-tagħrif kollu meħtieġ dwar il-partijiet li jridu jgħaddu għal żwieġ.  Iżda tiċħad il-bqija tal-imsemmija talba;

**Tilqa' r-raba' talba attriċi** u tħassar u tirrevoka d-degriet mogħti fit-12 ta' Frar, 2007, mill-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja billi l-istess degriet jinbena fuq premessa li ma taqbilx mar-rejalta' (għaliex il-partijiet li għalihom jirreferi m'humiex ta' sess oppost) u għaldaqstant mhux sostnut mill-elementi meħtieġa mil-liġi fir-rigward;

**Tiċħad l-eċċezzjonijiet** kollha tal-parti intimata;

**Tordna** wkoll li, għall-aħjar ħarsien tal-privatezza tal-persuna, kull tagħrif dwar il-parti intimata jew fatti mediċi msemmija fis-sentenza jitneħħew minn kull kopja informali li tinħareġ ta' din is-sentenża u minn kull xbiha tagħha fuq mezzi jew siti elettroniċi.

Minħabba ċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ u tal-punti legali li jqajjem, l-**ispejjeż tal-kawża** jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------